# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru KLR41/VIII/2023

## Il-Erbgħa, 22 ta' Frar 2023.

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa, 22 ta' Frar 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli

Skużat:
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

### 41.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 41.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Debrincat.

**41.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

41.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 40 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

41.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

41.3.3 Ma kienx hemm korrezjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

41.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew sottomessi l-applikazzjoni għaż-żbir tas-siġar ta' Triq Vajrinġa u tal-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*.

41.4.2 Intalab il-parir tal-ERA biex ikunu jistgħu jinżabgru s-siġar tal-Belvedere ta' Qasam San Ġorġ.

41.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill talalb lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex iż-żbir tas-siġar ta' Pjazza Indipendenza ser isir fl-aħħar t'April li ġej.

41.4.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjananr sabiex tiżdied *bring in site* fi Triq Salvatore Psaila.

41.4.5 Is-Sindku ssuġġerixxali l-Professur John Pace u l-Gwardjan tal-Kunvent ta' San Franġisk, Patri Joseph Xerri, jingħatalhom Ġieħ il-Belt Victoria. Il-membri qablu.

**41.5 Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni Numru 14

Mozzjoni f'isem Michel Buttiġieġ

**Qed nipproponi li l-parkeġġi li hemm fi Triq Repubblika minn Triq Palma 'l fuq u n-naħħa tal-Kurja Veskovili, (esklużi dawk riservati għall-persuni b'diżabilita' u dik riservata għal-Kurja), jsiru *un/loading* mis-06:00 sa nofsinhar. Dawn biex jintużaw għat-trakkiijeit tad-*deliveries* li jiġu biex iħottu x-xogħol tagħhom għall-ħwienet ta Triq Palma, Triq Repubblika, Pjazza Indipendenza u Pjazza San Ġorġ. B'hekk tista' tiġi evitata l-konġestjoni u d-diżorganiżazzjoni li qed ikun hawn ta' kuljum fi Pjazza Indipendenza.**

41.5.1 Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-membru Tabone.

41.5.2 Is-Sindku qal li jaħseb li TM jgħidu li l-*un/loading* ħa jiżdied ħafna u jonqos il-parkeġġ għar-residenti.

41.5.3 Buttiġieġ qal li l-Kunsill għandu jitlob il-permess ta' Transport Malta (TM). Fir-rigward taż-żona pedonali li hemm fi Pjazza Indipendenza, din jitneħħielha l-*un/loading* ta' matul il-ġurnata u tkun sorveljata kif suppost mill-Awtoritajiet tal-infurzar.

41.5.4 Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

---

Il-membru Buttigieg ħareġ mill-laqgħa.

---

**41.6 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

41.6.1 Il-membri ġew imfakkra li l-laqgħa tal-lokalita' ser issir il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu 2023.

41.6.2 Rigward PC/00050/17 sit 'Ta' Karawendi', il-Kunsill ġie mgħarraf li ser ikun hemm seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar f-14 ta' Marzu, 2023. Il-Kunsill kien ressaq oġġeżżjoni għal dan l-iżvilupp. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jkun preżenti waqt din is-seduta. Qablu wkoll li l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tibqa' l-istess minħabba li ma kienx hemm żviluppi ġodda.

41.6.3 Billi qed tinħoloq problema bil-ġbir tal-iskart domestiku f'parti minn Triq il-Mitħna peress li għad mhix asfaltata, il-membri qablu li jintalab lill-Minsitru għal Għawdex sabiex jagħmel l-asfalt wara li fil-maġġoranza tagħha din il-parti tat-triq issa hi mibnija.

41.6.4 Tressaq ir-rapport tal-bord rigward l-offerta – *Services for the upkeep and maintenance of Victoria Playing field using environmentally friendly measures*. Il-bord qed jissuġġerixxi li l-offerat tingħata lil Savio Bugeja. Il-membri qablu.

**41.7 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

41.7.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward (Ċirkulari 3/2023) li tgħid li permessi onlajn mitluba f'inqas minn 48 siegħa (*fast track*) għadhom prezz ta' €30 iktar;

41.7.2 l-Awtorita tal-Ippjananr fejn għarrfet lill-Kunsill bis-seduta biex jiġi diskuss l-iskedar ta' Manresa;

41.7.3 Dr Lydia Abela fejn irringrazjat lill-Kunsill talli pparteċipa fl-inizjattiva 'Rigal b'Imħabba';

41.7.4 ir-Reġjun Għawdex rigward il-proġett – 'Għal Għawdex – 8 point plan';

41.7.5 is-Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li t-talba għat-tismija ta' Triq Frank Bezzina (1925 – 1996), ma tistax tiġi kkunsidrata peress li tali talbiet iridu jsriu permess tal-applikazzjoni li tintbagħat ma ittra ta' rakkomandazzjoni kif ukoll *site plan* tal-Awtrotia' tal-Ippjanar li turi it-triq in kwistjoni.

41.7.6 sid ta' uffiċini bbażati fi Triq Satna Martha li qed jissuġġerixxi li jiżdied id-dawl f'din it-triq. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-enġiniera tad-dawl;

41.7.7 Stephen Attard li bagħat kopja tal-mużika tal-Innu lil Għawdex b'mużika ta' zijuh il-Prof. Joseph Vella u kliem ta' Ġorġ Pisani;

41.7.8 il-'Malta Crafts Foundation' rigward sessjoni ta' informazzjoni dwar il-'Premju Ġieħ l-Artiġjanant Malti';

41.7.9 resident fi Triq Palma li lmenta rigward il-problemi u l-istorbju li qed ikun hemm fi Triq Palma matul il-lejl fil-*weekends*. Il-Kunsill diġa' tkellem mal-Pulizija rigward din il-problema;

41.7.10 'Infinate Fusion' li jieħdu ħsieb il-*live streaming* tal-laqgħat. Qed jipproponu sistema aktar komda u avvanzata u li tiswa inqas minn kemm il-Kunsill qed iħallas fil-preżent. Il-membri qablu li tiġi addottata din is-sistema;

41.7.11 Joseph Said li talab permess sabiex jarma *food truck* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Il-membri qablu li jinħarġu l-kundizzjnijiet tas-soltu ta' dawn il-*food trucks* li huma:- li jaderixxi mar-regoalmenti tal-Liċenzji tal-Kummerċ u tal-i*street hawkers*, li ma jostakolax l-ebda' vettura orħa, traffiku jew lill-pedonali, is-sit jitħalla nadif, il-vettura

titneħħa wara kull lejl, din in-*no objection* tinħareġ għall-*weekends* biss, u l-istess *no objection* tista' tiġi rtirata mill-Kunsill f'kull ħin.

**41.8 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2022**

41.8.1 Ġie mistieden l-*Accountant* John Buttigieg jidħol fil-kamra sabiex jispjega r-rapport finanzjarju għas-sena 2022. Dan hu anness f'dokument A. Il-Kunsill approva dan id-dokument sabiex jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

**41.9 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

41.9.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li tlesta r-restawr fuq l-aħħar statwa minn taz-zuntier ta' Pjazza Santu Wistin. Ix-xogħol fuq San Ġorġ tal-Ħaġar inbeda wkoll.

41.9.2 Tressqu l-kontijiet ta' dan ix-xogħol u dawn għandhom jgħaddu f'idejn il-Perit sabiex jiċċertfikhom.

**41.10 *Updgrade tal-Playing Field* – Triq taħt Putirjal**

41.10.1 Tressqu s-suġġeriment ta' Doric Studio rigward l-iżvilupp tal-*playing field*. Il-Kunsill għandu jitlob li ma dawn ikun hemm ukoll inkluż l-illuminazzjoni tal-*playing field*.

**41.11 Proġett Pjazza Santu Wistin**

41.11.1 Il-Perit Scerri ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega l-pjanti li rriveda u li tressqu waqt din il-laqgħa. Hu spejga wkoll fir-rigward tax-xelter li hemm u li qieghed żewġ sulari l-isfel.

41.11.2 Il-Perit ta l-parir li jsiru l-investigazzjonijiet arkejoloġiċi. Il-membri qablu.

41.11.3 Hu ssuġġerixxa li l-Kunsill jesplora li jsir parkeġġ taħt l-art, anke' peress li hi l-*policy* tal-Gvern Ċentrali li jiġu miżjuda l-ispazji miftuħa. Il-membri qablu ma din il-proposta biex tiġi esplorata.

41.11.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġie ordnat is-*survey* tal-pjazza wara li l-membri ġew ikkonsultati.

41.11.5 Billi l-Kunsill m'għandux il-fondi biex isir dan il-proġett, l-membri qablu li l-Kunsill għandu jikkonsulta mal-Ministeru għal Għawdex fejn tintalab l-għajnuna u anke' ssir l-applikazzjoni neċessarja biex jiġu akkwistati l-fondi mid-'Development Planning Fund' mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**41.12 Estmi Sena 2023**

41.12.1 Ġie mressaq *draft* tal-Estimi għas-sena 2023. L-allokazzjoni għal din is-sena, skont Ċirkulari 10/2022 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hi ta' €666,285.00. Din żdiedet b'€7,543.00 mis-sena li għaddiet.

41.12.2 Il-badġit għas-sena 2023 ġie approvat kif anness f'dokument B.

**41.13 Kontijiet Gatt Tarmac Ltd**

41.13.1 Il-Perit għadu qed jivverifika u jiċċertifka il-kontijiet.

41.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li Gatt bagħat *statements* li kienu jinkludu xogħol li kien diġa mħallas. Il-Perit talbu l-BOQs tax-xogħol li għadu ma tħallasx u l-kuntrattur bgħathomlu.

41.13.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Perit nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar, 2023 fejn ġie identifikat il-Perit x'għandu biex jiċċertfika.

**41.14 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

41.14.1 it-*traffic managment* fil-*junction* ta' Triq Ċangar ma Triq Għajn Qatet;

41.14.2 *one metre double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx ta' 'House of Parties' fi Triq Karlu Galea;

41.14.3 *one metre double yellow line* ma ġenb tal-garaxx ta' 'Hilary Court' fi Triq Borg Geritu;

41.14.4 *one metre double yellow line* ma ġenb ta' garaxx numur 37, fi Triq Librerija;

41.14.5 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Dar Frejbusa', Triq iċ-Ċangar;

Il-membri qablu li jintalalb permess għall-

41.14.6 *un/loading bay* quddiem 'Gozitan Gourmet, fi Triq Għajn Qatet;

41.14.7 jekk ma tintmessx ebda' *parking bay* eżistenti, tiżdied kaxxa għal-muturi fil-bidu ta' Triq il-Kastell kantuniera ma Triq Sant Ursola.

41.14.8 Tressqet korrispondenza fejn resident fi Triq Forutnato Mizzi lmenta fir-rigward ta' nuqqas kbir ta' parkeġġ għar-residenti, bosta ħwienet li ma jipprovdux il-parkeġġ privat tagħhom għall-klijenti u l-ħruġ ta' permess għal *un/loading bay* li tintuża biss darba fil-ġimgħa. Dawn l-ilmenti ntbagħatu lill-TM u TM talbet il-veduti tal-Kunsill. Billi l-permessi li għandhom x'jaqsmu mat-traffiku toħroġhom kollha TM, il-Kunsill għandu jagħarraf lill-Awtorita' li fir-rigward tal-*un/loading bay* li TM għadha kif ħarġet il-permes għalih, il-Kunsill jinnota li fiha ħin twil. Dan il-ħin li fih tista tintuża din l-*un/laoding bay* jista' jitnaqqas u b'hekk ir-residenti jkollhom aktar fejn jipparkjaw. Għandu jiġi suġġerit dan peress li l-*containers* qed jiġu jħottu darba fil-ġimgħa u l-bqija tkun vojta u tintuża biss biex jiggwadanjaw il-klijenti tal-ħanut b'detriment għar-residenti.

41.14.9 Il-membri qablu li jintalab *survery* sabiex jiġu pjantati l-parkeġġi:- (i)fil-wesgħa li hemm fil-bidu ta' Triq Patri Ġiaċintu Camenżuli faċċata tal-Kunvent tal-Kapuccini u (ii) fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi.

**41.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

41.5.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2023 skond dokument Ċ anness.

41.15.2 Ġew mħallas wkoll €1,064.00 bħala garanzija lir-Reġistratru tal-Qorti fir-rigward tal-ispejjes tal-appell numru 13/2015/1 – Mary Cassar et. vs Il-Kunsill.

**41.16 Xogħlijiet oħra**

41.16.1 Rigward il-periklu li hemm fir-*retaining walls* tal-parkeġġi ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex, il-membri qablu li l-Kunsill jibagaħt ittra bl-avukat u rapport tal-Perit lill-Minsiteru għal Għawdex, fejn il-Kunsill jisħaq li dan il-ħajt qiegħed fi stat perikoluż ħafna u trid tittieħed azzjoni immedjata sabiex jitranġa.

Il-membri qablu li:-

41.16.2 l-*litter bin* tal-klieb li hemm fi Triq Kerċem jinqala u jitpoġġa fil-Wied ta' Żejta.

41.16.3 tiżdied *floodlight* fuq il-bini tal-'Leġjun ta' Mairja' fi Pjazza Santu Wistin;

41.16.4 tiġi sottomessa applikazzjoni mal-ERA sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Santu Wistin;

41.16.5 jitpoġġew 300 siġġu fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u ssir l-illuminazzjoni neċessarja biex ikun hemm dawl adekwat fir-rotta tal-purċissjoni;

41.16.6 l-Kunsill jgħin fl-organiżżazzjoni u l-loġistika tal-'Gozo Classical Voice Festival and Competition' u fi-wirja dwar Ġanninu Cremona li ser issir fil-Katridral. M'għandiex tinqabeż s-somma ta' Eur400 għal kull attivita';

41.16.7 l-Vicotria Scout Group iħawlu 60 siġra fil-*playing field* u ssir plakka kommemorattiva fl-egħluq tas-60 sena mit-twaqqif tal-'Victoria Scout Group';

41.16.8 l-Kunsill jgħin fl-organiżżazzjoni u l-loġistika tal-musical li ser jittella fit-Teatru Astra. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800;

41.16.9 l-Kunsill jipparteċipa fil-festival 'Għannej Għannej' organiżżat mid-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Minsiteru għal Għawdex. Id-Direttorat ser iħallas l-ispejjes involuti minn naħħa tiegħu. Is-sessjoni ta' għana fir-Rabat se ssir fi Pjazza San Franġisk nhar il- 25 ta' Frar, 2023.

**41.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta' filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |